MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 284/2008

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Rosabelle Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi in forza ta` liema gie mitlub sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €379.41c rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` mobile phone bin-numru 99853538.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` pero` lill-istess konvenuta seduta stante li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni ta` l-istess konvenuta t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €379.41c, bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------